MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 179/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Paul Micallef

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tas-1.15 hrs fi Triq id-Dragonara, Paceville, San Giljan:
1) qal kliem oxxen jew kliem indicenti fil-pubbliku;
2) naqas li jobdi l-ordni legittima mghottija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijietu;
3) saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru. JAH-546 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

4) u aktar talli irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 t' Ottubru, 2003, li biha, wara li rat l-artikolu Sec. 338 (bb), 338 (ee) tal-Kap. 9, Sec. 15A, 15E tal-Kap. 65, kif ukoll Att. Nru. V1/1998 ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda sabitu hati tat-tieni w t-tielet imputazzjoni w ikkundannatu ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u ordnat s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 t'Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-esponenti jigi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w mehlus minn kull piena komunikata.

Rat l-aggravji ta' l-appellant;

Rat il-verbal tal-lum redatt mill-Ufficjal Prosekutur, Dr. Anthony Barbara li bih ecepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex peress li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel akkuza u hati biss tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni jmissa ntalbet ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka taghha kif fil-fatt sar;

Fliet l-atti kollha proceswali;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi ma hemmx dubju illi f'dan il-kaz kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka, in vista tal-fatt illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni w sabitu hati ta' zewg imputazzjonijiet ohra.

Illi dan skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati mporta n-nullita' tar-rikors ta' l-appell ghax dan jippekka

kontra l-artikolu 419 (1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti hija mpeduta milli tipprocedi oltre.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' l-appellant rritwali w null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------